MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Numru. 483/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Martin Sammut)**
**vs**
**Mark Spiteri**
**Jonathan Farrugia**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:-

**Mark Spiteri** ta’ 19-il sena, bin Joseph u Rita *nee’* Borg, imwieled Pieta fis-27 t’Awissu, 1984, residenti numru 42, Triq Christus Vincit
Triq Anglu Mallia, B”Kara u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 415684(M);
**Jonathan Farrugia** ta’ 17-il sena, bin Francis u Antonia *nee’* Zammit, imwieled Pieta fit-3 ta’ Frar, 1987, residenti Blk A/6, Triq Laqxija, Bini tal-Gvern, Blokk A B’Kara u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 147087(M)

Talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Gunju 2004, f'zi hin bejn it-tlieta u nofs (03:30hrs) u l-erbgha u nofs (04:30hrs) ta' filghodu gewwa l-istabbiliment Red Square u kif ukoll gewwa Triq San Gorg, San Giljan;

1. Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqeghdu l-hajja fil-periku car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi, permezz ta' strument li jaqta' jew innigez, fil-gisem ta' Jean Pierre Gatt, u dan bi ksur tal-artikoli 214, 216 u 219 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-gisem ta' Luke Bugeja u dan bi ksur tal-artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Volontarjament kisru l-bon ordni kew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u bil-glied, u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Bil-lejl, kisru l-mistrieh tan-nies, bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor u dan bi ksur tal-artikolu 338(mm) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju tal-avukat generali tal-20 ta' Gunju 2005 li permezz tieghu baghat lill-imputati sabiex ikunu gudikati minn din il-Qorti bi ksur tal-artikoli 214 u 218, 214 u 221, 338(dd), 338(m) u 533 tal-Kodici Kriminali Kap 9;
Rat illi l-imputati iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni sabiex il-kaz kontra taghhom ikun gudikat minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Gunju 2004, l-Pulizija kienu msejjha biex jintervjenu wara glied li kien sehh fil-bar Red Square gewwa Paceville, liema glieda kompliet

barra l-istabiliment u li konsegwenza taghha kien ferut gravement Jean Pierre Gatt kif ukoll sofra griehi ta’ natura hafifa Luke Bugeja. Wara li ttiehdu l-isptar Jean Pierre Gatt irrizulta li kellu s-segwenti feriti gravi kif certifikati mit-tabib li kkurah (ara dok MS2 a fol 22): 5cm long incision anterior aspect left thigh; 3cm long incision over external aspect of left forearm; 5cm long, 2.5cm wide deep incision with muscle involvement; V-shaped incision on exterior aspect of left arm 3cm by 4cm; 4cm long incision on exterior aspect of left arm; multiple abrasions anterior aspect of chest; 1cm long superficial incision left side of abdomen; fractured nasal bone; 1cm long laceration behind left ear; 3cm long laceration above right ear; 2.5cm long laceration right side of forehead; 1cm long laceration right side of forehead. Luke Bugeja sofra ferita ta’ natura hafifa salv komplikazzjoni konsistenti f’qasma zghira fuq wara rasu “superficial laceration right side of occiput.(ara Dok MS4 fol 26).

Jean Pierre Gatt xehed illi waqt li kienu hergin mill-bar fuq imsemmi ghall-habta tat-tlieta u nofs ta’ filghodu iltaqghu ma’ habiba taghhom, isimha mhux maghruf, u Luke Bugeja baqa’ jitkellem maghha meta huwa allontana xi ftit u f’dak il-mument hass xi hadd jimbuttah, wara ftit qala’ daqqa ta’ ponn minghand Jonathan Farrugia u infarag meta imbaghad ra lil Mark Spiteri gej jigri lejh fejn l-ewwel tah daqqa ta’ tazza li infaqghet f’wiccu u mbaghad beda jaqla daqqiet minn kullimkien. Is-Security tal-bar hareg lil kullhadd barra hlief ghal dan ix-xhud u malli ra li kien hiereg hafna demm hareg ‘l barra hu ukoll biex imur ghall-Pulizija meta hareg wiehed mill-folla u beda jtih b’xi haga taqta u “beda jcarrattni kullimkien go idejja, go l-istonku, go koxti u l-iehor li kien mieghu beda jtini bil-ponn go wicci” (fol 29). “Barra nara lil Jonathan Farrugia u kellu xi haga f’idu, naf li kienet taqta’ u beda jqattani biha”.

Luke Bugeja ukoll xehed li huma u hergin iltaqa’ ma’ perusna u waqt li qed ikellimha jara zewg min-nies iduru ghal Jean Pierre Gatt. Hu dahal fil-glieda biex iwaqqaf dak li kien qed isehh u s-security tefghuh ‘l barra. Waqt li kienu qeghdin gewwa, Jonathan Farrugia qabez fuqu u tah daqqa f’rasu fuq wara.

L-imputati cahdu dan kollu. Mark Spiteri xehed illi hu u Jonathan Farrugia kienu ilhom jixorbu f'diversi bars u waqt li kienu fir-Red Square ma' zewg tfajliet wiehed mill-vittmi (it-twil) mar fuq it-tfajla li kien qed ikellem Spiteri, xorob dak li kellha fit-tazza u sabbat it-tazza mal-art u kissirha hdejn riglejn Spiteri. Dak il-hin gie l-vittma l-iehor u sprejja gass ta' dmugh f'wicc iz-zewg imputati meta allura ma bdewx jaraw u waqghu mal-art u l-imputat Spiteri beda jaqla' daqqiet kullimkien, inhareg barra meta rega gie l-vittma t-twil u beda jipponta lejh. Spiteri jghid li wara li Gatt kisser it-tazza hu u l-imputat Farrugia iddecidew li jmorru 'l barra biex jevitaw paroli izda l-vittmi tefghulom il-gass tad-dmugh.

Jonathan Farrugia xehed illi "dawk il-bniet naqra zghira li rajthom, konna qeghdin hemm gew, hadna drink, il-bqija lanqas ngharafhom". Dan in konflitt ma' dak li qal l-imputat Spiteri li kienu ilhom jixorbu maghhom f'diversi bars. Ra lill-vittmi qishom fis-sakra "jimbuttaw 'l hawn, jimbuttaw lil dak". Meta bdew jimbuttaw lil dak u l-iehor, l-imputat qal lil wiehed minnhom "bil-mod naqra" u f'dak il-hin l-vittma t-twil qabad tazza u sabbatha mal-art fejn l-imputat dar bil-kalma u bla rabja u qallu bil-mod mhux hekk imorru l-affarijiet. Dak il-hin l-vittma l-iehor sprejja xi gass u qam paniku tan-nies. Hu qabdu hafna hruq f'ghajnejh u lil dak li kisser it-tazza ma rahx aktar. Meta kulhadd inhareg barra hu mar fuq wiehed mill-vittmi u qabbdu mill-flok biex izommu u jghajjat lis-security jew lil xi hadd. Dan l-imputat ma ra lil hadd jaghti xi daqqiet fuq il-vittmi;

Ikkunsidrat illi x-xhieda tal-imputati minnhom volontarjament moghtija huma affetti b'diversi aspetti kontradittorji. Hadd minnhom ma refa idejh fuq il-vittmi, hadd minnhom ma garrab xi feriti almenu kompatibbli mal-allegat agir tal-vittmi konsistenti fi tkissir ta' tazzi u aggressjoni simili. L-imputat Spiteri jghid li kienu ilhom mat-tfajliet jixorbu maghhom f'diversi bars u minkejja li l-vittma Gatt gie u xorob mit-tazza tat-tfajla li kienet mal-imputati, dan qisu ma tah fastidju xejn, anzi dak li tah fastidju kien li kisser it-tazza ma' genb siequ. L-imputat

Farrugia ma jsemmi xejn minn dan hlief li l-l-vittma Gatt sabbat tazza mal-art. Iz-zewg imputati qalu li kienu aflitti minn sprej tal-gass derivanti minn wiehed mill-vittmi izda fix-xhieda tal-Ispettur Martin Sammut, tirrizulta investigazzjoni akkurata biex ikun stabbilit jekk intuzax xi sprej u meta staqsa lill-imputat Farrugia x'kien hass dan wiegbu li kien hass xuftejh jaharqu. Hija pjuttost inkreduli kif hadd aktar ma semma dan l-isprej. Jekk malli kien sprejjat xi gass l-folla fil-bar qabadha paniku, kif jghid Farrugia, kif hadd ghajr iz-zewg imputati ma kienu aflitti minn dan l-istess gass. Minkejja li l-imputati ma aggredewx lill-vittmi, kienu l-vittmi li spiccaw bil-feriti kif deskritti aktar kmieni. Dan kollu iwassal lill-Qorti biex ma temminx il-verzjoni tal-imputati. Il-verzjoni tal-vittmi, minn naha 'l ohra hija korroborata bic-cirkostanzi kollha ta' din il-procedura kompriz li l-imputat Jonathan Farrugia, letteralment beda jqatta' gisem l-vittma Jean Pierre Gatt u kkawzalu diversi griehi gravi.

Il-Qorti ssib lill-imputati hatja talli ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Jean Pierre Gatt ai termini tal-artikolu 214 u 218 tal-Kap 9; lill-imputat Jonathan Farrugia inoltre ssibu hati talli ikkaguna ferita hafifa fuq il-persuna ta' Luke Bugeja ai termini tal-artikoli 214 u 221 tal-Kap 9, u liz-zewg imputati hatja tal-akkuzi ravvizata fl-artikoli 338(dd) u (m) tal-Kap 9;

Wara li rat l-artikoli 214, 218, 221, 338(dd) u 338(m) tal-Kap 9;

Rat il-fedina penali tal-imputati;

Ikkonsidrat dwar il-piena, illi Mark Spiteri kellu fedina penali nadifa meta tressaq quddiem din il-Qorti. L-imputat Jonathan Farrugia izda jidher li gia ibbenefika minn-zewg okkazzjonijiet ta' liberazzjoni kondizjonata u dan meta kien ghandu minorenni kif ukoll li kien ghadu minorenni ukoll fid-data tal-kommissjoni ta' dan ir-rejat u li ghalhekk fil-konfront tieghu biss skond l-artikolu 37 tal-Kap 9, il-Qorti ser tirriduci l-piena bi grad.

Fil-konfront ta’ Mark Spiteri tikkundannah ghal hlas ta’ ammenda ta’ Euro 60 dwar il-ksur tal-artikoli 338(dd) u (m) u terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn (2) mil-lum, liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-hati jikkometti rejat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien erba (4) snin mil-lum ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap9;

Fil-konfront ta’ Jonathan Farrugia tikkundannah ghal hlas ta’ ammenda ta’ sittin (60) euro ghal ksur tal-artikoli 338(dd) u (m) u ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn (2) mil-lum;

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat Mark Spiteri naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------